IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2019
COM(2019) 497 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-verifika tal-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen min-naħa tal-Kroazja

MT MT

I. Introduzzjoni

Il-moviment liberu tal-persuni huwa libertà fundamentali li l-UE tiggarantixxi liċ-ċittadini tagħha. Permezz tiegħu kull ċittadin tal-UE jista' jivvjaġġa, jaħdem u jgħix fi kwalunkwe Stat Membru mingħajr formalitajiet speċjali. Il-kooperazzjoni ta' Schengen issaħħaħ din il-libertà billi tippermetti lil aktar minn 400 miljun ċittadin tal-UE, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment preżenti fit-territorju tal-UE, li jmorru minn Stat Membru għal ieħor mingħajr ma jiffaċċjaw verifiki fuq il-fruntieri. Iż-żona Schengen mingħajr verifiki fuq il-fruntieri interni attwalment hija magħmula minn 26 Stat, b'objettiv komuni li din il-kisba tinqasam ma' aktar Stati Membri.

Sabiex l-Istati Membri jingħaqdu maż-żona Schengen bis-sħiħ, huma għandhom jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet. Jeħtieġ li jiġu ppreparati u li jkollhom il-kapaċità li jieħdu r-responsabbiltà għall-verifiki fuq il-fruntieri esterni f'isem l-Istati Schengen l-oħrajn u għall-ħruġ ta' viżi uniformi ta' Schengen. Huma jeħtieġu l-kapaċità li jikkooperaw b'mod effiċjenti mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fi Stati oħra ta' Schengen, sabiex jinżamm livell għoli ta' sigurtà ladarba ma jkunx hemm verifiki fuq il-fruntieri interni. Jeħtieġ li japplikaw is-sett komuni ta' regoli ta' Schengen bħall-verifiki fuq il-fruntieri tal-art, tal-baħar u tal-ajru (ajruporti), il-ħruġ ta' viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija u l-protezzjoni ta' *data* personali. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jkunu jistgħu jaqbdu mas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen u jużawha.

Sabiex jivverifikaw li jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, l-Istati Membri li jixtiequ jingħaqdu maż-żona Schengen iridu jgħaddu minn evalwazzjoni [1]. Sa mill-2013, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma responsabbli b'mod konġunt għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, appoġġati mill-korpi, uffiċċji u aġenziji tal-UE, waqt li l-Kummissjoni għandha rwol ta' koordinazzjoni kumplessiva. Il-Kummissjoni tħejji u tippjana l-evalwazzjoni u tadotta rapporti ta' evalwazzjoni, filwaqt li l-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta rakkomandazzjoni għal azzjonijiet korrettivi.

Din hija l-ewwel darba li nbdiet evalwazzjoni ta' Schengen fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha taħt il-mekkaniżmu l-ġdid biex jiġi vverifikat li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru li jixtieq jingħaqad maż-żona Schengen mingħajr verifiki fuq il-fruntieri interni. Dan il-proċess huwa bbażat fuq żjarat fuq il-post b'esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, sensiela ta' rapporti ta' evalwazzjoni li fihom sejbiet, u rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju mill-Kunsill, segwiti minn pjanijiet ta' azzjoni mill-Istat Membru.

L-Att tal-Adeżjoni tal-2011[2] jiddikjara li l-acquis ta' Schengen se japplika biss fil-Kroazja wara Deċiżjoni tal-Kunsill għal dan il-għan u li tali Deċiżjoni għandha tittieħed wara verifika, skont il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli, li l-Kroazja ssodisfat il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis rilevanti, inkluż l-applikazzjoni effettiva tar-regoli kollha ta' Schengen skont l-istandards komuni maqbula u l-

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, ĠU L295, 6.11.2013, p.27.

[2] L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ("l-Att tal-Adeżjoni tal-2011") (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 22).

prinċipji fundamentali. Fit-teħid ta' dik id-deċiżjoni, il-Kunsill għandu wkoll jikkunsidra rapport tal-Kummissjoni li jikkonferma li l-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenji meħuda fin-negozjati tagħha għall-adeżjoni li huma rilevanti għall-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari l-impenji meħuda mill-Kroazja fil-qasam tad-drittijiet ġudizzjarji u fundamentali (l-Anness VII tal-Att tal-Adeżjoni), inkluż l-iżvilupp kontinwu ta' rekords dwar ir-riforma u l-effiċjenza ġudizzjarja, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni[3]. Sitt impenji fost l-għaxra elenkati fl-Anness VII huma rilevanti għall-acquis ta' Schengen .

L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li jkun ikkunsidrat il-progress li sar mill-Kroazja biex jintlaħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen, fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u s-segwitu li għamlet il-Kroazja mill-bidu tal-evalwazzjoni fl-2016 sa Ottubru 2019. Tirrapporta wkoll dwar it-twettiq mill-Kroazja tal-impenji li ħadet fin-negozjati tagħha dwar l-adeżjoni li huma rilevanti għall-acquis ta' Schengen mid-data tal-adeżjoni (l-1 ta' Lulju 2013) sa Settembru 2019.

II. L-Evalwazzjoni ta' Schengen

Fis-6 ta' Marzu 2015, il-Kroazja ddikjarat li hija lesta tibda l-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha mill-1 ta' Lulju 2015 bil-ħsieb ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen. Wara d- "Dikjarazzjoni ta' Tlestija" tal-Kroazja, il-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen beda fl-2016 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 billi stabbilixxa mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, taħt il-koordinazzjoni kumplessiva tal-Kummissjoni .

L-evalwazzjoni ta' Schengen tal-Kroazja saret skont l-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013. Minn Ġunju 2016 sa Mejju 2019, timijiet li jikkonsistu f'esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri vverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Kroazja fl-oqsma tal-protezzjoni tad-*data*, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika komuni dwar il-viżi, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ir-ritorn, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-armi tan-nar u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Matul dawn l-evalwazzjonijiet, ingħatat attenzjoni partikolari lir-rispett għad-drittijiet fundamentali u lill-funzjonament tal-awtoritajiet li japplikaw il-partijiet rilevanti tal-acquis ta' Schengen. Dan il-proċess irriżulta f'sensiela ta' rapporti ta' evalwazzjoni adottati mill-Kummissjoni fil-perjodu bejn l-2016 u l-2019, b'sejbiet u valutazzjonijiet, kif ukoll rakkomandazzjonijiet biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet identifikati adottati mill-Kunsill[4]. Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bi pjanijiet ta' azzjoni dwar kif jistgħu jkunu rimedjati nuqqasijiet identifikati fir-rapporti ta' evalwazzjoni rilevanti. Abbażi tar-rapporti ta' segwitu li rċeviet, il-Kummissjoni vvalutat l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' azzjoni u infurmat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji Relatati ma' Schengen dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq bażi regolari.

Ir-Riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen għal kull qasam ta' politika

[3] L-Artikolu 36(1), it-tieni subparagrafu, tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011 .
[4] Lista tar-rapporti rilevanti ta' evalwazzjoni ta' Schengen u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill hija annessa.

L-evalwazzjoni tal-**protezzjoni tad-*data*** saret fi Frar 2016 u rriżultat fil-valutazzjoni ġenerali li l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. Ma kinux identifikati sejbiet "mhux konformi". Madankollu, kien meħtieġ titjib, speċjalment fir-rigward tal-indipendenza tal-Awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Ministeru għall-Intern. Fit-30 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-Kroazja u lill-Kunsill li r-rakkomandazzjonijiet għal titjib kif mogħtija permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsil[5] kienu kollha implimentati biżżejjed mill-Kroazja.

Barra minn hekk, għall-evalwazzjoni tal-**kooperazzjoni tal-pulizija** , li seħħet f'Ġunju 2016, saret il-valutazzjoni ġenerali li l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tapplika l-acquis ta' Schengen f'dan il-qasam ta' politika. Ma nstab l-ebda nuqqas ta' konformità mal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Madankollu, ġew identifikati numru ta' oqsma fejn kien ikkunsidrat li huwa meħtieġ titjib, bħall-implimentazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni tal-pulizija mal-Istati Membri ġirien, it-tisħiħ tal-organizzazzjoni tal-pulizija fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u t-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' miżuri tekniċi speċifiċi. Fit-28 ta' Mejju 2019, wara analiżi bir-reqqa tar-rapporti ta' segwitu pprovduti mill-Kroazja dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill [6] relatati mat-titjib meħtieġ, il-Kummissjoni infurmat lill-Kroazja u lill-Kunsill li r-rakkomandazzjonijiet tqiesu li ġew implimentati b'mod ġenerali. Madankollu, ir-rakkomandazzjoni relatata mat-twettiq mill-ġdid tan-negozjar tal-ftehim bilaterali mas-Slovenja dwar forom speċjali ta' kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija għall-prevenzjoni tal-kriminalità għad trid tiġi implimentata bis-sħiħ. Il-Kroazja ntalbet tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffirma u tirratifika malajr il-ftehim bilaterali mas-Slovenja u biex iżżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress li jkun sar.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-**politika komuni tal-viża**, li għaliha saru żjarat fuq il-post f'Ġunju 2016 lill-ambaxxati tal-Kroazja fi Pristina (Kosovo) u f'Moska (il-Federazzjoni Russa), saret valutazzjoni ġenerali li l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi. Ma ġie osservat l-ebda nuqqas ta' konformità. Madankollu, it-titjib tqies neċessarju f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-fluss tax-xogħol fit-taqsimiet tal-viża u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża Kroata. Wara li analizzat il-pjan ta' azzjoni u r-rapporti ta' segwitu relatati mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill [7] biex jiġu rimedjati l-punti identifikati għal titjib, kif ukoll wara l-iffirmar fis-17 ta' Ġunju 2019 tal-"Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar l-Ivvjaġġar Reċiproku ta' Ċittadini tar-Repubblika tal-Kroazja u Ċittadini tal-Federazzjoni Russa" emendat, il-Kummissjoni kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati b'mod sħiħ. Dan ġie kkomunikat lill-Kroazja u lill-Kunsill fit-28 ta' Ġunju 2019.

L-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tar-**ritorn** saret f'Ġunju 2016. Abbażi tas-sejbiet, saret valutazzjoni ġenerali li l-konformità tal-Kroazja tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-

---

5 Id-dokument tal-Kunsill: 5725/17, SCH-EVAL 31, COMIX 66 tas-27.1.2017.
6 Id-dokument tal-Kunsill: 11206/17, SCH-EVAL 197, ENFOPOL 355, COMIX 520 tal-11.7.2017.
7 Id-dokument tal-Kunsill: 6359/17, SCH-EVAL 67, VISA 58, COMIX 130 tas-17.2.2017.

applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen fil-qasam tar-ritorn hija soġġetta għal aktar allinjament u implimentazzjoni tal-Liġi tal-Kroazja dwar il-Barranin[8] mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[9]. Dan jikkonċerna b’mod speċjali l-ħruġ ta’ projbizzjonijiet fuq id-dħul u l-validità tagħhom fl-UE kollha, il-kriminalizzazzjoni ta’ soġġorn illegali li jista’ jirriskja li jdewwem il-proċess ta’ ritorn u n-nuqqas ta’ definizzjoni ta’ “riskju ta’ ħarba”. Skont il-pjan ta’ azzjoni u r-rapporti ta’ segwitu pprovduti għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill[10], l-allinjamenti meħtieġa tal-Liġi dwar il-Barranin mad-Direttiva dwar ir-Ritorn saru. Fit-18 ta’ Marzu 2019, il-Kummissjoni kkomunikat lill-Kroazja u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill relatati mal-evalwazzjoni ta’ ritorn.

Wara l-evalwazzjoni pożittiva ta’ Schengen tal-Kroazja fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* fi Frar 2016 u wara verifika li, mil-lat tekniku, is-**Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen** Kroata kienet lesta tintegra fis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS)[11], il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen relatati mas-SIS fil-11 ta’ April 2017[12]. Fis-27 ta’ Ġunju 2017, is-SIS daħlet f’operazzjoni sħiħa fil-Kroazja, bl-eċċezzjoni tal-ħruġ ta’ rifjut ta’ dħul jew soġġorn ta’ allerti għal soġġorn fiż-żona Schengen (sakemm jitneħħew il-kontrolli fil-fruntiera interna). L-evalwazzjoni ta’ Schengen relatata saret f’Settembru 2017. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-implimentazzjoni tas-SIS hija sodisfaċenti u l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi applikat l-acquis f’dan il-qasam. Il-Kroazja daħħlet fis-seħħ arkitettura solida u tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku tas-sistema li tiżgura disponibbiltà għolja u kontinwità tan-negozju. Madankollu, kien għad hemm bżonn ta’ xi rfinar li jikkonċerna l-funzjonalitajiet ta’ tiftix u tas-sistema ta’ ġestjoni ta’ każijiet SIRENE. Fl-4 ta’ Ġunju 2019, wara li analizzat il-pjan ta’ azzjoni u r-rapporti ta’ segwitu relatati mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill[13] ipprovduti biex jiġi żgurat it-titjib meħtieġ, il-Kummissjoni infurmat lill-Kroazja u lill-Kunsill li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mar-rakkomandazzjonijiet kienu ssodisfati.

L-evalwazzjoni relatata mal-leġiżlazzjoni dwar l-**armi tan-nar** twettqet abbażi ta’ kwestjonarju f’Settembru 2016. Il-qafas legali dwar l-armi tan-nar, l-istrutturi amministrattivi u l-proċeduri tal-pulizija dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija ġew ivvalutati li huma f’konformità ġenerali mal-acquis ta’ Schengen. Ġie kkunsidrat neċessarju xi titjib fir-rigward tar-rekwiżiti legali tal-UE, bħal li tinkiseb il-konformità tal-klassifikazzjoni għal armi tal-gass faċilment konvertibbli mad-Direttiva 91/477/KEE (il-parti II tal-Anness I) u l-iżgurar li r-rekwiżiti ta’ mmarkar fuq armi importati jikkonformaw fil-prattika mar-Regolament (UE) Nru 258/12 (l-Artikolu 2(15)(c)). Fis-6 ta’ Novembru 2018, il-Kummissjoni kkomunikat lill-

8 Il-Gazzetta Uffiċjali Nru 130/11 u 74/13.

9 ĠU L348, 24.12.2008, p.98.

10 Id-dokument tal-Kunsill: 11207/17, SCH-EVAL 198, MIGR 129, COMIX 521 tal-11.7.2017.

11 L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/450 tas-16 ta’ Marzu 2015 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tat-testijiet għall-Istati Membri li qed jintegraw ruħhom fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) jew li qegħdin jibdlu sostanzjalment is-sistemi nazzjonali direttament relatati tagħhom (ĠU L 74, 18.3.2015, p. 31).

12 Id-dokument tal-Kunsill: 5649/17, SCH-EVAL 28, SIRIS 14, COMIX 59 tal-11.4.2017.

13 Id-dokument tal-Kunsill: 11185/18, SCH-EVAL 154, SIRIS 94, COMIX 409 tas-16.7.2018.

Kroazja u lill-Kunsill li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet relatati mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill[14] ġiet issodisfata.

L-evalwazzjoni fil-qasam tal-**kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali** kienet limitata fl-ambitu, minħabba li l-maġġoranza l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen f'dan il-qasam ġew sostitwiti fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri permezz ta' strumenti legali mhux ta' Schengen. Għal din ir-raġuni, bejn Lulju u Ottubru 2018 twettqet evalwazzjoni bbażata fuq kwestjonarju tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni mill-Kroazja ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li ma ġewx sostitwiti. Il-valutazzjoni ġenerali kienet li l-qafas legali tal-Kroazja dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, b'mod partikolari dwar assistenza reċiproka f'materji kriminali u l-prinċipju "*ne bis in idem*", jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi applikat l-acquis ta' Schengen f'dan il-qasam. Ma ġew identifikati l-ebda rakkomandazzjonijiet għal titjib. Minflok ġie vvalutat li l-Kroazja tkun kompletament konformi mal-acquis ta' Schengen fil-mument li se ssir parti għall-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Mejju 2000 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha. Dan ikun il-każ ladarba l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni unanima biex jiddetermina d-data għad-dħul fis-seħħ ta' dik il-Konvenzjoni u l-Protokoll tagħha.

L-evalwazzjoni tal-**ġestjoni tal-fruntieri esterni** saret f'Mejju 2016 bi żjarat fuq il-post fil-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar tal-Kroazja. In-nuqqasijiet identifikati matul iż-żjarat relatati b'mod partikolari mas-sorveljanza tal-fruntiera tal-art, l-għadd ta' persunal disponibbli biex iwettqu l-kontrolli fuq il-fruntieri operazzjonali u l-infrastruttura fl-ajruporti. Għalhekk, ir-rapport ta' evalwazzjoni kkonkluda li s-sistema ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni Kroata f'dak l-istadju ma ssodisfatx l-istandards ta' Schengen. Għalhekk, żjara mill-ġdid fil-fruntieri tal-ajru u tal-art seħħet f'Novembru-Diċembru 2017, bil-għan li tivverifika, abbażi tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni relatat mal-evalwazzjoni tal-2016, jekk il-Kroazja ssodisfatx il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

Din iż-żjara mill-ġdid fl-2017 uriet li n-nuqqasijiet infrastrutturali fl-ajruporti ġew rimedjati kif xieraq. Madankollu, minħabba n-nuqqasijiet – inkluż serje ta' sejbiet "mhux konformi" li kienu għadhom jeżistu fil-fruntieri esterni tal-art tal-Kroazja –, saret valutazzjoni ġenerali li l-Kroazja kienet għadha ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet meħtieġa. In-nuqqasijiet fil-fruntieri tal-art relatati ma': in-numru mhux suffiċjenti ta' persunal permanenti; is-sistema ta' sorveljanza teknika fil-fruntiera mal-Bożnija-Ħerzegovina li kienet għadha mhijiex fis-seħħ; l-eżistenza ta' numru għoli ta' "postijiet ta' qsim" għat-traffiku lokali tal-fruntiera; diversi toroq li qabel kienu jaqsmu din il-fruntieragħadhom ma ngħalqux u l-għadd baxx ta' klieb tat-traċċar għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-art. Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni tal-Kroazja biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet identifikati fir-rieżami tal-2017[15], il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-progress konsiderevoli li għamlet il-Kroazja u kkunsidrat il-pjan ta' azzjoni bħala adegwat. Madankollu, ġiet identifikata l-ħtieġa li tiġi organizzata żjara oħra fil-fruntiera tal-art, b'enfasi fuq in-nuqqasijiet u s-sejbiet "mhux konformi" identifikati matul iż-żjarat fuq il-post tal-2016 u l-

[14] Id-dokument tal-Kunsill: 13969/17, SCH-EVAL 265, ENFOPOL 508, COMIX 738 tas-7.11.2017.
[15] COM(2019) 127 final tat-28 ta' Frar 2019.

2017, speċjalment fil-qasam tas-sorveljanza tal-fruntieri tal-art.

It-tieni żjara, b'enfasi speċjali fuq il-fruntiera tal-art tal-Kroazja mal-Bożnija-Ħerzegovina, saret f'Mejju 2019. It-tim ta' fuq il-post ivverifika l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjonijiet tal-2016 u l-2017. Ma ġiet innutata l-ebda sejba "mhux konformi" ġdida. Madankollu, kienu żvelati xi punti addizzjonali li kienu kkunsidrati bħala "konformi iżda jeħtieġu titjib". Il-konklużjoni kienet li kien hemm għadd ta' rakkomandazzjonijiet relatati mas- "sejbiet mhux konformi" identifikati matul iż-żjarat tal-2016 u l-2017, li għalihom l-implimentazzjoni kienet għadha ma ġietx ikkompletata fi żmien iż-żjara li reġgħet saret fl-2019. Dawk il-kwistjonijiet pendenti ewlenin kienu jikkonċernaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-kunċett tal-Kroazja għas-sorveljanza fuq il-fruntieri tal-art, l-akkwist u l-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi tekniċi ta' sorveljanza tal-art u tagħmir ta' sorveljanza, l-użu ta' klieb tas-sorveljanza, u l-livelli ta' persunal. Ġie konkluż ukoll li kienet meħtieġa implimentazzjoni ulterjuri u sħiħa ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet biex ikun jista' jiġi kkonfermat li l-Kroazja ssodisfat kompletament il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. L-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-żjara ta' Mejju 2019 irċieva opinjoni pożittiva mill-membri kollha tal-Kumitat ta' Schengen (magħmula mill-Istati Membri u mmexxija mill-Kummissjoni) fil-5 ta' Settembru 2019.

F'konformità mal-obbligu ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, u wara l-konklużjonijiet li ħarġu miż-żjara tal-2019, il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni b'rapporti ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni relatati mar-żjarat tal-2016 u tal-2017 kif ukoll dwar il-kjarifiki addizzjonali fit-12 ta' Lulju, is-6 ta' Awwissu, id-19 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2019. Il-progress li ġej ġie rrapportat mill-Kroazja wara ż-żjara tal-2019, li tindirizza n-nuqqasijiet relatati maż-żjarat tal-2016 u l-2017:

- L-awtoritajiet Kroati ċċaraw l-azzjonijiet li ttieħdu relatati mar-rakkomandazzjonijiet dwar il-livell ta' persunal kurrenti u previst għall-kontroll fuq il-fruntieri, inkluża s-sorveljanza fuq il-fruntieri tal-art. Skont l-ippjanar, il-Kroazja se jkollha 6 339 kariga għall-kontrolli fuq il-fruntieri (inkluż 457 għal miżuri ta' kumpens) mimlija f'konformità mal-ippjanar inizjali inkluż permezz tat-tqassim mill-ġdid tal-persunal (6 300 uffiċjal tal-pulizija tal-fruntiera sal-adeżjoni). Barra minn hekk, sa tmiem l-2019, 100 % tal-karigi tax-xogħol tal-uffiċjali tal-pulizija għall-kontrolli tal-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri se jimtlew fl-aktar żoni vulnerabbli tal-fruntiera esterna.

- Ir-rakkomandazzjoni relatata mal-korsijiet ta' taħriġ għall-persunal responsabbli għall-ippjanar operazzjonali u l-ġestjoni fil-livell tattiku tas-sorveljanza tal-fruntieri, taħriġ li għandu jkopri wkoll it-tattiċi operazzjonali u l-ippjanar tas-sorveljanza tal-fruntieri dwar l-użu ta' klieb tat-traċċar, l-użu tattiku tal-ħelikopters, is-sistemi ta' sorveljanza teknika, it-tekniki ta' pattulja u ta' interċettazzjoni, ġiet aċċettata b'mod sħiħ mill-Kroazja.

- Ir-rakkomandazzjonijiet li saru biex ikun aġġornat il-kunċett tal-Kroazja għas-sorveljanza fuq il-fruntieri tal-art tqiesu fl-aħħar verżjoni tal-kunċett (Lulju 2019). Din il-verżjoni tinkludi l-korrelazzjoni bejn il-kapaċitajiet tekniċi (ġodda) u l-użu ta' persunal tas-

sorveljanza tal-fruntieri u riżorsi oħra f'konformità mal-analiżi tar-riskju. Dan jirrifletti wkoll il-metodoloġija ta' ħidma għal-livelli differenti responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-art, inklużi ċ-ċentri ta' koordinazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali.

- Rigward it-titjib ulterjuri tal-kapaċità ta' sorveljanza fil-fruntieri tal-art u l-għarfien tas-sitwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula hawnhekk biex ikomplu jiżviluppaw sistemi ta' sorveljanza teknika fil-fruntieri esterni tal-art mal-Bożnija-Ħerzegovina u mal-Montenegro u biex jiżdied in-numru ta' veikoli termoviżi mobbli, il-Kroazja ddeskriviet il-proċeduri ta' akkwist iffinalizzati u li għadhom għaddejjin għal tali sistemi u tagħmir kif ukoll id-dati ta' konsenja ppjanati (l-aktar tard sa tmiem l-2019). Ġiet riċevuta wkoll informazzjoni dwar l-akkwist pubbliku u t-taħriġ ippjanat ġdid ta' 18-il kelb tas-servizz addizzjonali.

Wara li vvalutat il-progress imsemmi hawn fuq li sar mill-Kroazja wara ż-żjara mill-ġdid tal-2019, il-Kummissjoni tqis li l-Kroazja ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Il-Kroazja se jkollha tkompli taħdem b'mod konsistenti fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha li għaddejjin f'dan il-qasam biex tiżgura li dawn il-kundizzjonijiet ikomplu jiġu ssodisfati.

III. Impenji rilevanti għall-acquis ta' Schengen

Kif mitlub mill-Att tal-Adeżjoni, il-Kroazja għamlet impenji speċifiċi fil-qasam tal-ġudikatura u tad-drittijiet fundamentali. L-Anness VII tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011 jelenka għaxar impenji speċifiċi, li t-tkomplija tat-twettiq ta' sitt minnhom hija rilevanti għall-acquis ta' Schengen kif previst fl-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni:

- Tkompli tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għar-Riforma Ġudizzjarja;
- Tkompli ssaħħaħ l-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura;
- Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-ġudikatura;
- Tkompli tiżgura rekord sostnut ta' riżultati sostanzjali bbażati fuq investigazzjoni, prosekuzzjoni u sentenzi tal-qorti effiċjenti, effettivi u imparzjali f'każijiet ta' kriminalità organizzata u ta' korruzzjoni fil-livelli kollha inklużi l-korruzzjoni f'livell għoli, u f'setturi vulnerabbli bħall-akkwist pubbliku;
- Tkompli ttejjeb ir-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess; u
- Tkompli ttejjeb il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

Din it-taqsima tqis it-twettiq ta' dawn is-sitt impenji mid-data tal-adeżjoni (l-1 ta' Lulju 2013) sa Settembru 2019 u hija limitata għall-aspetti speċifiċi li huma rilevanti għall-acquis ta' Schengen kif previst fl-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni .

Tkompli tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għar-Riforma Ġudizzjarja

Rigward l-impenn li titkompla tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja u l-Pjan ta' Azzjoni, fil-15 ta' Diċembru 2010 il-Parlament Kroat adotta

l-Istrateġija ta' Riforma Ġudizzjarja għall-2011-2015[16] u fl-14 ta' Diċembru 2012 l-Istrateġija għall-Iżvilupp Ġudizzjarju għall-2013-2018[17]. F'Ġunju 2013, il-Ministeru tal-Ġustizzja ppubblika l-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Ġudizzjarju għas-snin 2013-2014[18], li bena fuq il-pjanijiet ta' azzjoni preċedenti.

L-objettiv taż-żewġ strateġiji kien li jittejbu l-indipendenza, l-imparzjalità, il-professjonaliżmu u l-effiċjenza tal-ġudikatura, biex il-ġudikatura Kroata tiġi integrata aħjar bħala parti mill-ġudikatura Ewropea, biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u biex tirriforma s-sistema tal-ġustizzja kriminali (l-istrateġija 2011-2015), biex timmaniġġja aħjar ir-riżorsi umani fil-ġudikatura u biex tagħmel użu mill-potenzjal tat-teknoloġiji moderni (l-istrateġija 2013-2018).

Wara l-adozzjoni ta' dawn l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni, ġew adottati għadd ta' miżuri matul il-perjodu ta' rapportar biex jiġu implimentati l-objettivi[19] msemmija, b' mod partikolari:

- riforma tal-kriterji għall-għażla u l-promozzjoni tal-imħallfin[20];
- riforma tal-liġijiet proċedurali u ta' ċerti liġijiet oħra prinċipalment immirati biex itejbu l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja[21];
- riforma li għandha l-għan li ssaħħaħ il-ġestjoni mill-presidenti tal-qrati fil-ġudikatura[22];
- u riforma biex tiżdied il-promozzjoni ta' metodi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim[23].

Il-Kroazja tkompli tissodisfa dan l-impenn.

Tkompli ssaħħaħ l-indipendenza, ir-responsabbiltà, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tal-ġudikatura

L-awtoritajiet Kroati introduċew sensiela ta' miżuri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet:

(i) Sabiex jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, ittieħdu diversi miżuri matul il-perjodu ta' rapportar, bħaż-żieda fis-salarji għall-imħallfin tal-qorti tal-prim'istanza[24]. Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' influwenza politika mhux xierqa u

16 NN 145/10.
17 NN 144/12.
18 https://pravosudje.gov.hr/UserDocsImages/dokumenti/AP%20Startegije%20razvoja%20pravosuđa.pdf
19 Ara Miżuri u attivitajiet implimentattivi - l-Anness 1 tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Ġudizzjarju għas-snin 2013-2014, https://pravosudje.gov.hr/UserDocsImages/dokumenti/Mjere%20I%20kvartal.pdf.
20 Emendi għall-Att dwar il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (NN 28/13), Att dwar il-Qrati (NN 28/13).
21 Ara b'mod partikolari l-emendi għall-Att dwar il-Proċedura Ċivili (NN 25/13, 89/14 u 70/19), l-Att dwar Kwistjonijiet Amministrattivi (NN 152/14, u 29/17), l-Att dwar l-Infurzar (NN 25/13, 93/14, u 73/17), l-Att dwar il-Proċedura Kriminali (NN 56/13, 145/13, 152/14), u l-Att dwar il-Qrati (NN 28/13, 33/15, 82/15 u 67/18).
22 L-att dwar il-Qrati (NN 28/13).
23 Emendi għall-Att dwar il-Proċedura Ċivili (NN 25/13).
24 L-att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Uffiċjali Ġudizzjarji, NN 16/19.

biex jissaħħu l-oġġettività u t-trasparenza tal-proċess tal-għażla tal-President tal-Qorti Suprema u tal-Avukat Ġenerali tal-Istat, rispettivament, inbidlet il-leġiżlazzjoni[25].

Madankollu, għad hemm sfidi b'mod partikolari fir-rigward tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja, li, kif muri fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2019, tinsab fost l-aktar baxxi fl-UE[26]. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO, fl-2016 l-awtoritajiet Kroati wettqu studju biex jeżaminaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' fiduċja tal-pubbliku fis-sistema ġudizzjarja Kroata[27].

(ii) Biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tal-ġudikatura, fil-prattika ġew implimentati għadd ta' miżuri matul il-perjodu ta' rapportar, bħal aktar trasparenza tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-imħallfin u l-prosekuturi[28], it-twaqqif ta' reġim armonizzat ta' rapportar finanzjarju għall-imħallfin u l-prosekuturi (inkluża bażi tad-*data* elettronika), u skambju msaħħaħ ta' informazzjoni dwar it-taxxa u l-proprjetà immobbli bejn l-awtoritajiet[29].

(iii) Fir-rigward tal-impenn biex ikompli jissaħħaħ il-professjonaliżmu tal-ġudikatura, ġew introdotti diversi miżuri, bħal kriterji oġġettivament verifikabbli għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-ħidma tal-imħallfin u l-prosekuturi[30], l-edukazzjoni kontinwa[31] u gwida msaħħa dwar l-etika professjonali[32].

Minbarra l-isforzi biex jittejjeb il-professjonaliżmu tal-ġudikatura, ittieħdu miżuri biex titjieb il-kwalità tas-sistema ġudizzjarja, bħar-riforma gradwali tal-mappa ġudizzjarja, li wasslet għall-amalgamazzjoni ta' qrati iżgħar, u distribuzzjoni aktar uniformi tal-ammont ta' xogħol[33]. Permezz ta' żieda fl-investiment fl-ICT, is-sistema elettronika ta' ġestjoni tal-kawżi ġiet introdotta gradwalment fil-qrati kollha, ittieħdu passi biex tittejjeb il-komunikazzjoni elettronika fil-qrati, u ġiet inċentivata s-sottomissjoni

---

25 L-att dwar il-Qrati, NN 67/18; att ġdid dwar l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, NN 67/18; Dawn il-miżuri għenu biex parzjalment jimplimentaw jew jiġu ttrattati b'mod sodisfaċenti b'rakkomandazzjonijiet tal-GRECO relatati mal-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin u l-prosekuturi. Ara GRECO, GrecoRC4 (2018)14, il-paragrafi 16-23 u 33-38.

26 Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2019, l-illustrazzjonijiet 47-50, u r-Rapport tal-Pajjiż għall-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final, p. 56.

27 Kif irrakkomandat minn GRECO, GrecoRC4(2016)5, il-paragrafi 18-21.

28 Emendi għall-Att dwar il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (NN 28/13).

29 Il-miżuri implimentati kienu bbażati fuq l-Istrateġija kontra l-Korruzzjoni (2015–2020). Skont GRECO, dawn il-miżuri għenu biex ikunu implimentati parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Ara GRECO, GrecoRC4 (2016)5, il-paragrafi 27-30, 43-46, u GRECO, GrecoRC4(2018)14, il-paragrafi 24-27. Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-imħallfin u tal-prosekuturi, il-Pjan ta' Azzjoni 2019-2020 għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni jipprevedi li s-sistema elettronika l-ġdida għall-verifika ssir operazzjonali fl-2020.

30 Emendi għall-Att dwar il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat (NN 28/13) u l-Kriterji Qafas għall-Prestazzjoni tal-Imħallfin u l-Metodoloġija għall-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Imħallfin; ara wkoll GRECO, Greco Eval IV Rep (2013) 7E, il-paragrafi 91, 150.

31 Strateġija għall-Iżvilupp tal-Akkademja Ġudizzjarja għall-2011–2015; ara wkoll GRECO, Greco Eval IV Rep (2013) 7E il-paragrafi 128, 173.

32 Pereżempju: Il-linji gwida għall-interpretazzjoni ta' prinċipji etiċi u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess ġew adottati fl-4 ta' Frar 2016; ara wkoll GRECO, GrecoRC4 (2016)5, il-paragrafi 22-26, 39-42. Skont GRECO, dawn il-miżuri għenu biex ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jiġu implimentati parzjalment jew implimentati b'mod sodisfaċenti. Ara GRECO, GrecoRC4 (2018)14, il-paragrafi 24-27, u GRECO, GrecoRC4(2016)5, il-paragrafi 27-30, 43-46.

33 Ir-Rapport tal-Pajjiż dwar il-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final, p. 56.

onlajn ta' talbiet u tal-ħlas ta' tariffi[34]. Madankollu, kif rifless fis-Semestru Ewropew, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex titjieb ulterjorment il-kwalità tal-ġustizzja[35].

Il-Kroazja tkompli tissodisfa dan l-impenn. Ta' min jinnota li l-effettività tas-sistema ġudizzjarja Kroata hija vvalutata fil-kuntest tar-Rapporti tal-Pajjiżi tas-Semestru Ewropew tal-Kummissjoni u kienet soġġetta għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kif adottati mill-Kunsill indirizzat lill-Kroazja.

Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-ġudikatura

Fir-rigward tal-impenn biex tkompli titjieb l-effiċjenza tal-ġudikatura, id-*data* tal-qorti turi progress meta mqabbla mal-bidu tal-perjodu ta' rapportar fi kważi t-tipi kollha ta' każijiet. Madankollu, kwalunkwe ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja, bħal proċeduri tal-qorti li jieħdu fit-tul, jeħtieġ li jkunu indirizzati kontinwament.

Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2019, l-għadd ta' kawżi pendenti fil-qrati tal-prim'istanza naqas b'aktar minn 20 % fil-qasam ċivili, kummerċjali u amministrattiv[36]. Madankollu, ix-xogħol b'lura jibqa' sostanzjali u l-progress inkiseb b'mod parzjali minħabba ammont aktar baxx ta' kawżi. F'dawn l-aħħar snin, il-kawżi kriminali pendenti żdiedu, għalkemm dawn jirrappreżentaw sehem iżgħar. Ġew implimentati miżuri li jwasslu għal tnaqqis ta' madwar 40 % tal-istokk ta' kawżi li għandhom aktar minn 10 snin meta mqabbel mas-sitwazzjoni fi tmiem l-2016.

It-tul tal-proċeduri tal-qorti naqas kważi f'kull tip ta' kawża, b'mod partikolari f'kawżi amministrattivi[37]. Madankollu, minkejja titjib, il-proċeduri tal-qorti għadhom twal, b'mod partikolari f'kawżi ċivili tal-prim'istanza (madwar 850 jum bħala medja), kawżi kummerċjali (700 ijiem), u proċeduri kriminali tal-prim'istanza (650 jum fi qrati muniċipali)[38].

Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2019, il-qrati rnexxielhom ilaħħqu mal-kawżi li jidħlu, bir-rati ta' kklirjar[39] li jaqbżu l-100 % fl-aħħar snin fi kważi kull tip ta' kawża, u spiss jilħqu jew jaqbżu l-120 %[40].

Waqt li hemm ħtieġa kontinwa li tiġi żgurata ulterjorment l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, il-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenn tagħha li ttejjeb l-effiċjenza tal-ġudikatura.

---

34 Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Kroazja: 2.7.2019, 9935/19 - COM(2019) 511 final; 13.7.2018, 2018/C 320/10; 11.7.2017, 2017/C 261/10; 12.7.2016, 2016/C 299/23; 14.7.2015, 2015/C 272/15; 8.7.2014, 2014/C 247/10, u r-Rapporti tal-Pajjiż dwar il-Kroazja: 27.2.2019, SWD(2019) 1010 final, p. 56; 7.3.2018, SWD (2018) 209 final, p. 50; 22.2.2017, SWD (2017) 76 final, p. 52; 13.3.2016, SWD(2016) 80 final/2, p. 2, 76; 16.2.2015, SWD(2015) 30 final, p. 25, 93; 2.6.2014, SWD(2014) 412 final, p. 37.

35 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

36 It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2019, illustrazzjonijiet 13-15. Kien hemm tnaqqis aktar qawwi f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari f'kawżi amministrattivi

37 It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2019, l-illustrazzjonijiet 5, 6, u 8, li juru "żmien għat-trattazzjoni".

38 Ir-Rapport tal-Pajjiż għall-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final, p. 56, u r-Rapport tal-Pajjiż għall-Kroazja 2018, 7.3.2018 SWD (2018) 209 final, p. 49.

39 Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi hija l-proporzjon tal-għadd ta' kawżi riżolti fuq l-għadd ta' kawżi deħlin. Hija tkejjel jekk qorti hijiex tlaħħaq mal-ammont ta' kawżi deħlin. Fejn ir-rata tal-ikklirjar hija ta' 100 % jew aktar, dan ifisser illi s-sistema ġudizzjarja tista' tiddeċiedi tal-inqas il-kawżi kollha li jkollha quddiemha. Meta r-rata tal-ikklirjar tkun inqas minn 100 %, dan ifisser illi l-qrati qegħdin jiddeċiedu inqas kawżi minn dawk li jidħlu.

40 It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2019, illustrazzjonijiet 10-12.

Tkompli tiżgura rekord sostnut ta' riżultati sostanzjali bbażati fuq investigazzjoni, prosekuzzjoni u sentenzi tal-qorti effiċjenti, effettivi u imparzjali f'każijiet ta' kriminalità organizzata u ta' korruzzjoni fil-livelli kollha inklużi l-korruzzjoni f'livell għoli, u f'setturi vulnerabbli bħall-akkwist pubbliku.

Il-Kroazja żviluppat qafas istituzzjonali kontra l-korruzzjoni b'diversi kumitati u dipartimenti kontra l-korruzzjoni [41] . Il-Bureau għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (USKOK) u l-pulizija speċjalizzata għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (PNUSKOK) iwettqu investigazzjonijiet. L-USKOK ġie mfaħħar talli stabbilixxa rekord għal investigazzjonijiet proattivi u prosekuzzjonijiet b'suċċess inkluż f'każijiet notevoli li jikkonċernaw uffiċjali ta' livell għoli eletti u maħtura[42]. L-istatistika turi għadd konsiderevoli ta' investigazzjonijiet u akkużi f'każijiet relatati mal-kriminalità organizzata u mal-korruzzjoni f'dawn l-aħħar ftit snin[43].

Bosta każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli għadhom soġġetti għal proċeduri twal u għadhom ma ssolvewx. Il-korruzzjoni għadha perċepita bħala mifruxa sew[44]. Ineffiċjenzi fis-sistema tal-ġustizzja kriminali jfixklu l-ġlieda kontra r-reati ekonomiċi u finanzjarji, u l-Kunsill irrakkomanda li jitnaqqas it-tul tal-proċeduri tal-qorti[45]. L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat kien imsaħħaħ b'riżorsi umani addizzjonali, iżda l-kapaċità tiegħu li jiġġieled kontra l-kriminalità ekonomika u finanzjarja għadha limitata[46].

Liġi ġdida dwar l-akkwist pubbliku daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017[47], u għenet biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni permezz ta' żieda fit-traċċabilità u t-trasparenza tal-proċeduri ta' akkwist u permezz ta' proċeduri ta' investigazzjoni u sanzjonar aktar b'saħħithom għal ksur. L-akkwist elettroniku fil-Kroazja huwa avvanzat u jipprovdi l-bażi għal trasparenza mtejba. Ittieħdu wkoll passi pożittivi bl-iżvilupp tar-reġistru tal-kuntratti u l-possibbiltà li jitressqu ilmenti b'mod elettroniku quddiem il-Kummissjoni tal-Istat għas-Superviżjoni ta' Proċeduri ta' Akkwist Pubbliku[48].

L-istruttura istituzzjonali kumplessiva għall-akkwist pubbliku għad trid tissaħħaħ, speċjalment fil-livell lokali[49], u hemm dewmien u nuqqas ta' persunal fil-maġġoranza tal-istituzzjonijiet involuti fl-akkwist pubbliku[50]. L-akkwist pubbliku fis-settur tal-kostruzzjoni huwa vulnerabbli għall-korruzzjoni, prinċipalment minħabba sehem kbir ta' kuntrattar intern minn entitajiet tal-

---

41 Il-Kummissjoni ta' Monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, id-Dipartiment għat-trażżin tal-korruzzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Bureau għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (USKOK) u l-pulizija speċjalizzata għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (PNUSKOK) u l-Kunsill Nazzjonali għall-Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Korruzzjoni.

42 Ir-Rapport mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, ir-Rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni, 2014, COM (2014) 38 final.

43 Ir-Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Istat Kroat għall-2018.

44 Ir-Rapport tal-Pajjiż dwar il-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final; Statistika mill-Ewrobarometru Speċjali 470 dwar il-Korruzzjoni għall-2017.

45 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 tal-Kroazja.

46 Ir-rapport tal-Pajjiż għall-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final, p. 56, u r-Rapport tal-Pajjiż għall-Kroazja 2018, SWD (2018) 209 final, pp. 49-50.

47 L-att dwar l-Akkwist Pubbliku, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017.

48 Ir-Rapport tal-Pajjiż dwar il-Kroazja 2019, SWD (2019) 1010 final.

49 Ir-Rapport tal-Pajjiż dwar il-Kroazja 2018, SWD (2018) 209 final.

50 Ir-rapport tal-Awditur tal-Istat Kroat għall-2018 (Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat, 2018).

istat, li huma soġġetti għal kontrolli aktar dgħajfa[51]. L-adozzjoni f'Mejju 2019 ta' strateġija kontra l-korruzzjoni għal intrapriżi tal-istat għandha tindirizza dawn il-kwistjonijiet[52].

Il-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenn tagħha li tagħmel progress fl-iżgurar ta' rekord stabbli bbażat fuq investigazzjoni effiċjenti u effettiva, prosekuzzjoni u li jirriżulta f'sentenzi tal-qorti f'kawżi ta' kriminalità organizzata u korruzzjoni.

Tkompli ttejjeb ir-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess.

L-istrateġija Kontra l-Korruzzjoni tal-Kroazja 2015-2020 u l-pjanijiet ta' azzjoni li jakkumpanjawha kellhom l-għan li jtejbu l-oqfsa istituzzjonali u leġiżlattivi, u li jsaħħu l-azzjonijiet preventivi biex jiġu identifikati r-riskji ta' korruzzjoni. Il-Kunsill għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, korp konsultattiv tal-gvern magħmul minn rappreżentanti ta' istituzzjonijiet pubbliċi u NGOs, u l-Kunsill Nazzjonali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm kontra l-korruzzjoni, jissupervizzaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni[53].

L-adozzjoni tal-Liġi dwar id-Dritt ta' Aċċess għall-Informazzjoni u l-ħatra ta' Kummissarju għall-Informazzjoni żiedu t-trasparenza, u l-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' dawk li Jirraportaw Irregolaritajiet introduċiet sistema ġdida biex ikunu irrapportati l-irregolaritajiet u tipproteġi lill-informaturi. Sar progress ukoll fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-finanzi tal-partiti politiċi u l-finanzjament tal-kampanji elettorali[54]. L-awtoritajiet ikomplu bl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-iskrutinju tal-imħallfin u tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-prosekuturi. Madankollu, skont l-aħħar *data* tal-istħarriġ disponibbli, il-maġġoranza tal-Kroati jħossuhom affettwati mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (59 %) u l-Kroazja għandha l-akbar proporzjon ta' dawk li wieġbu (16 %) li rrapportaw li kienu personalment esposti għall-korruzzjoni tal-Istati Membri kollha tal-UE[55]. L-aħħar monitoraġġ tas-Semestru Ewropew ikkonkluda li l-Kroazja għandha ttejjeb il-governanza korporattiva f'intrapriżi tal-istat u ttejjeb il-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali[56].

Jeżisti tħassib dwar il-kunflitti ta' interess, b'mod partikolari fil-livell lokali u fi ħdan kumpaniji li huma proprjetà tal-istat u li huma kkontrollati mill-Istat. Il-liġi kurrenti dwar l-Awtogovernanza Lokali u Reġjonali tagħti lill-uffiċjali lokali diskrezzjoni u indipendenza konsiderevoli fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar id-disponiment tal-assi u l-finanzi sa miljun HRK u dwar il-ħatra ta' membri tal-bord ta' kumpaniji lokali pubbliċi.

Qed jitħejja att legali ġdid dwar il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess. Verżjonijiet preċedenti tal-att legali ma indirizzawx tħassib bħal pereżempju li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-presidenti u l-membri tal-bordijiet tal-kumpaniji ta' unitajiet tal-gvern

---

[51] Ir-Rapport Osservatorju tas-Settur tal-Kostruzzjoni Ewropew tal-2018.

[52] Ir-Repubblika tal-Kroazja, Programm Kontra l-Korruzzjoni għall-kumpaniji Statali għall-perjodu 2019-2020.

[53] Ittra tal-Ministeru tal-Ġustizzja Kroat lid-DĠ HOME u lid-DĠ JUST, it-18 ta' Lulju 2019.

[54] Il-liġi dwar id-Dritt ta' Aċċess għall-Informazzjoni fl-2013, Emendi għall-Att dwar id-Dritt għall-Informazzjoni dwar l-Aċċess ta' Lulju 2015, il-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' dawk li Jirrapportaw Irregolaritajiet ta' Frar 2019, l-att dwar il-Finanzjament ta' Attivitajiet Politiċi u Kampanji Elettorali tal-2013.

[55] L-Ewrobarometru Speċjali 470/2017 dwar il-Korruzzjoni.

[56] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tal-Kroazja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 tal-Kroazja.

lokali b'maġġoranza tas-sieda, kif ukoll il-presidenti u l-membri tal-bordijiet ta' kumpaniji li huma fil-maġġoranza tagħhom proprjetà ta' dawn il-kumpaniji. Jagħmluha wkoll diffiċli għall-Kummissjoni dwar il-Kunflitti ta' Interess biex tibda proċedimenti biex timponi sanzjonijiet fuq l-uffiċjali li jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-assi mhux preċiżi. Barra minn hekk, sabiex il-miżuri ta' prevenzjoni previsti jkunu effettivi, l-abbozz ta' liġi jkun jeħtieġ bl-istess mod li jkabbar iċ-ċirku ta' uffiċjali kkonċernati u jinkludi mekkaniżmi effettivi ta' sanzjoni. Il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Kummissjoni dwar il-Kunflitti ta' Interess ikollha biżżejjed setgħat biex timponi sanzjonijiet ta' deterrent diġà ġiet enfasizzata[57], kif ukoll il-ħtieġa li jingħata aktar appoġġ għar-rwol essenzjali ta' prevenzjoni tagħha[58].

Diversi proposti leġiżlattivi ppjanati oħra jeħtieġ li jkomplu javvanzaw[59]. Il-moviment mis-settur privat għas-settur pubbliku ("bibien iduru") għadu mhux regolat. Għandhom jiġu żviluppati kodiċijiet ta' kondotta komprensivi għal uffiċjali eletti fil-livell ċentrali u lokali, b'għodod ta' responsabbiltà korrispondenti u sanzjonijiet dissważivi għal ksur potenzjali ta' kodiċijiet bħal dawn[60]. Kodiċi ta' kondotta għall-membri parlamentari u l-arranġamenti superviżorji u ta' infurzar korrispondenti, rakkomandati wkoll mill-GRECO[61], issa qed jistennew li jiġu adottati[62].

Għadd ta' elementi tal-qafas legali preventiv kontra l-korruzzjoni tal-Kroazja jeħtieġ li jiġu msaħħa aktar[63]. Il-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenji tagħha lejn il-progress billi tkompli ttejjeb ir-rekord tagħha ta' miżuri ta' prevenzjoni msaħħa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess.

Tkompli ttejjeb il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem

Rigward l-impenn li tkompli tittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-Kroazja ħadet għadd ta' passi matul il-perjodu ta' rapportar. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenzi tal-Qorti wasslu għal diversi riformi fil-Kroazja, bħall-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali għat-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-iskolarizzazzjoni ta' tfal Roma[64]. F'dawn l-aħħar snin, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) ġiet

---

57 Ir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-2013 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Kroazja fl-UE kien jirrakkomanda li l-Kroazja "tiżgura li jittieħdu miżuri immedjati biex jidħlu fis-seħħ mekkaniżmi sodi u effettivi għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u s-sanzjonar ta' każijiet ta' kunflitt ta' interess , abbażi ta' verifiki bir-reqqa u miżuri restrittivi" Fl-2014, ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea kontra l-korruzzjoni stqarr li minkejja l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni dedikata, il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi kienu għal darb'oħra ikkunsidrati ta' tħassib.

58 GRECO, GrecoRC4 (2018)14.

59 Ġew implimentati 53 minn 126 azzjoni tal-pjan tal-2015-2016 (42 %). Xi azzjonijiet mhux implimentati ġew trasferiti għall-pjan tas-sena ta' wara. Ġew implimentati 87 minn 126 azzjoni fil-pjan ta' azzjoni 2017-2018 (69 %).

60 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, Rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni, 2014.

61 GRECO, Greco RC4 (2018) 14.

62 Il-pjan ta' Azzjoni kontra l-korruzzjoni 2019-2020 jipprevedi l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri għall-ewwel tliet xhur tal-2020.

63 Dawn jinkludu mekkaniżmi ta' verifika effettivi għal kunflitti ta' interess, dikjarazzjonijiet tal-assi ta' uffiċjali pubbliċi, kontrolli tar-riskju effettivi fl-akkwist pubbliku, speċjalment minn awtoritajiet kontraenti b'mekkaniżmi ta' kontroll aktar dgħajfa kif ukoll l-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-membri tal-Parlament, u tisħiħ tar-rwol tal-Kummissjoni dwar il-Kunflitti ta' Interess.

64 Is-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi u d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 2017, il-11-il Rapport Annwali, p. 31; Il-Kunsill tal-Ewropa, Il-QEDB u l-Kroazja, fatti u ċifri, p. 5.

applikata mill-Qrati Kroati[65]. L-istituzzjoni tal-Ombudsperson ingħatat, fl-2008, "status A" skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, li ġie riakkreditat fl-2019[66]. Mill-2013 'l hawn, il-baġit annwali tal-Ombudsperson żdied minn EUR 1,2 miljun għal EUR 1,6 miljun fl-2018[67]. Fl-2012, il-mandat tiegħu ġie estiż[68], u fl-2014 u l-2015, infetħu uffiċċji reġjonali ġodda[69] sabiex ilaħħqu maż-żieda fl-għadd ta' ilmenti nazzjonali [70]. Matul l-aħħar snin, żdiedet l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsperson mill-korpi kompetenti[71]. Korpi speċjalizzati fid-drittijiet tal-bniedem, bħall-Ombudspersons għad-drittijiet tat-tfal u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għall-persuni b'diżabilità huma diġà stabbiliti[72].

Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' dawk li jfittxu asil u migranti oħra, u l-allegazzjonijiet ta' rifjut ta' aċċess għall-proċedura tal-asil u tal-użu tal-forza minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fil-fruntieri għadhom sfida. Il-miżuri kollha li ħadet il-Kroazja għall-verifiki fuq il-fruntieri esterni tagħha jridu jikkonformaw mal-Karta, l-obbligi tal-UE u internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (inkluż il-prinċipju ta' *non-refoulement* u l-aċċess effettiv għall-proċedura tal-asil). Il-Kroazja impenjat ruħha li tinvestiga l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin tal-migranti u tar-refuġjati fil-fruntieri esterni tagħha, timmonitorja din is-sitwazzjoni mill-qrib u żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress li jkun sar.

Il-Kummissjoni qed tappoġġa b'mod attiv l-isforzi Kroati biex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali fuq il-fruntiera. F'dan ir-rigward, parti mill-finanzjament ta' EUR 6,8 miljun mogħti lill-Kroazja f'Diċembru 2018 biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri kienet iddedikata għal mekkaniżmu ġdid ta' monitoraġġ. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-attivitajiet ta' kontroll fuq il-fruntieri mill-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera Kroata jibqgħu konformi bis-sħiħ mal-liġi tal-UE, mal-obbligi internazzjonali u mar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tad-drittijiet li jirriżultaw mill-acquis tal-asil tal-UE, inkluż il-prinċipju ta' *non-refoulement*. Dan jippermetti monitoraġġ indipendenti ta' attivitajiet imwettqa mill-pulizija tal-fruntiera Kroata, anki permezz ta' rieżami ta' proċeduri, arranġamenti u manwali operazzjonali, taħriġ u appoġġ ta' persunal rilevanti u assistenza għal ilmenti u inċidenti rrapportati. Fl-aħħar tal-proġett, ir-riżultati tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ se jiġu diskussi mal-Kummissjoni Ewropea, mal-uffiċċju tal-Ombudsman Kroat u mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

Wara li kkunsidrat il-miżuri meħuda mill-Kroazja biex ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-

65 Pereżempju il-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja (Vrhovni sud Republike Hrvatske), il-Kawża VSRH Kž eun5/2014-4, 6.3.2014, ċitata fir-Rapport tal-2014 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, p. 146; Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja, il-Kawża U-III-1095/2014, il-21 ta' Settembru 2017, ċitata fir-Rapport tal-2017 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, p. 16-17.

66 Ir-Rapport u r-Rakkomandazzjonijiet tas-Sessjoni tas-Sottokumitat dwar l-Akkreditazzjoni (KSA), 2019, p. 2, 18.

67 Ir-Rapport annwali tal-Ombudswoman tal-Kroazja għall-2018, p. 320.

68 L-att dwar l-Ombudsman, NN 76/12.

69 http://ombudsman.hr/en/about-us/history.

70 2275 każ riżolt fl-2013, ir-Rapport annwali tal-Ombudswoman tal-Kroazja għall-2013, p. 5; 3632 każ riżolt fl-2017, ir-rapport annwali tal-Ombudswoman tal-Kroazja għall-2017, p. 11.

71 Fl-2016, kienu implimentati 29 % tar-rakkomandazzjonijiet mill-2015; fl-2018, is-sehem żdied għal 65 % tar-rakkomandazzjonijiet mill-2017, ara r-Rapport annwali tal-Ombudswoman tal-Kroazja għall-2018, p. 6.

72 L-att dwar l-Ombudsperson għat-Tfal, NN 96/03; L-att dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, NN 116/03; L-att dwar l-Ombudsman għal Persuni b'Diżabilità, NN 107/07.

bniedem, inkluż l-impenn tagħha li tinvestiga allegazzjonijiet ta' trattament ħażin tal-migranti u tar-refuġjati fil-fruntieri esterni, il-Kroazja qed tkompli tissodisfa l-impenn tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

IV. Konklużjoni

Din il-Komunikazzjoni hija r-riżultat ta' proċess twil ta' evalwazzjoni u ta' kooperazzjoni biex jintlaħaq l-objettiv tal-Kroazja li tissodisfa l-istandards meħtieġa biex tippermetti l-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis ta' Schengen. Is-sekwenza ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, u r-rispons permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni, ippermettiet titjib pass pass fil-kapaċità tal-Kroazja li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-acquis ta' Schengen. Il-Kummissjoni kompliet ukoll timmonitorja l-impenji li ħadet il-Kroazja dwar l-adeżjoni fil-qasam tal-ġudikatura u tad-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Kroazja ħadet il-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-kundizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-acquis ta' Schengen ikunu ssodisfati. Il-Kroazja se tkun meħtieġa tkompli taħdem b'mod konsistenti fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha li għaddejjin, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, biex tiżgura li dawn il-kundizzjonijiet ikomplu jiġu ssodisfati. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-Kroazja tkompli tissodisfa l-impenji marbuta mal-acquis ta' Schengen kif impenjat ruħha għalihom fin-negozjati ta' adeżjoni tagħha. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex tiddiskuti din il-komunikazzjoni bil-għan tal-integrazzjoni tal-Kroazja fiż-żona Schegen b'konformità mal-Att tal-Adeżjoni tal-2011.